MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 261/2005

Il-Pulizija
(Spett Daniel Zammit)

vs

Daniel Azzopardi

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 243781M, akkuzat talli:

I. fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Frar 2005 seraq minn gewwa il-kazin ‘Stella Maris’, Triq Annunzjata, Sliema, liema serq jeccedi Lm100 izda mhux Lm1000 ghad-dannu tas-segretarju tal-istess kazin, kif ukoll seraq mill-banka tal-lottu li taghmel mal-istess kazin, liema serq huwa

aggravat bil-hin, mezz, valur ai termini tal-Artikolu 261, 263, 267 u 270 tal-Kap 9;
II. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, liema hsara taqbez Lm50 u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 9;
III. fi Frar 2005 u fix-xhur u fil-granet ta' qabel xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jeccedix l-Lm100 mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti tal-kawza huma li fil-15 ta' Frar 2005 il-Pulizija kellhom rapport li kienet insterqet il-banka tal-lottu sita gewwa l-kazin 'Stella Maris'. Minn investigazzjoni maghmula mill-Pulizija gie konstatat li nsterqu Lm20 mill-cash register, ammont ta' flus minn tlett kaxxi tal-loghob li gew zgassati u ricevitur tas-satellita li nstab wkoll nieqes. Is-suspett kien li xi persuna sa dak il-hin mhux maghrufa kien stahba gewwa l-kazin, ghamel is-serqa, u hareg billi zgassa l-bieb tal-kazin mill-intern. L-imputat gie interrogat u rrilaxxja zewg staqrrijiet: fl-ewwel wahda cahad li kien hu li wettaq is-serqa, izda fit-tieni stqarrija ammetta li kien hu.

Illi l-imputat fil-waqt li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda xehed u stqarr li t-tieni stqarrija rrilaxxja ghaliex hassu 'klawstrofobiku' u fi kliemu 'sibt skuza biex nohrog barra malajr'. Il-Qorti xejn mhu qed temmen u taghti kredibilita' lil dak sostnut mill-imputat dwar l-'klawstrofobija'. Hi konvinta li kien l-imputat li wettaq s-serqa kif minnu

ammess fit-tieni stqarrija. Bilkemm jista' jigi emnut l-imputat meta jaddebita l-iskuzanti tal-klawstrofobija fir-rilaxx tat-tieni stqarrija meta hu risaput li persuna li verament tbati minn din il-kundizzjoni timmanifesta sintomi u atteggament ben divers minn dak li wera' l-imputat li verament ma spjega xejn dwar x'kienet din il-klawstrofobija li jghid li hakmitu meta irrilaxxja din it-tieni stqarrija. U hawnhekk il-Qorti mhux qeghdha lanqas taghti affidament lix-xhieda ta' missieru. M'huwiex kas ta' preponderanza ta' provi.

Dwar l-konsistenza tar-refurtiva ix-xhud Zahra, segretarju tal-kazin, isemmi id-'decoder' u s-serq ta' ammont ta' flus minn erba' kaxxi tal-loghob. Il-fatt li dawn ma kienux tal-kazin izda ta' terzi huwa irrilevanti fid-dawl tal-akkuza li tixli l-imputat li seraq minn gewwa l-kazin fejn kienu dawn il-kaxxi u d-decorder. Jekk sarx bi pregudizzju tal-kazin jew le b'daqshekk ma jesonerax l-imputat.

Dwar il-hsara l-istess xhud qal li kienet minima li taghti x'tifhem li kienet anqas minn 24 Ewro prosegwibbli ghalhekk biss bi kwerela li mkien ma tirrizulta. Dwar ir-ricettazzjoni din-l-akkuza hija in alternattiva ghal dik tas-serq.

Issib ghalhekk l-imputat hati tal-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 31 tal-Kap 9. Tikkundannah tlett xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilita' tieghu skond is-sentenza a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-citat Kap.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------